# Proposed Local Generating Capacity at Delimara Powerstation

**ENV/3260/A/08**
**PA 03152/05**



**Volume III**

**Non Technical Summary**
**October 2009**

ais environmental ltd.

AIS House, 18 St. John Street, Fgura FGR 1447 – MALTA
Tel: +356 21803350 Fax: +356 21803363
Website: www.aisenvironmental.com
E-mail: info@ais.com.mt

# 1. L-Iżvilupp Propost

## *1.1 Daħla ġenerali*

Illum, l-elettriku jikkontribwixxi direttament għall-kwalità tal-ħajja u tkabbir tal-ekonomija tal-pajjiż. Bl-eċċezzjoni tat-transport u bżonnijiet ta' sħana; l-attivitajiet ekonomiċi kollha huma direttament mħaddma bl-enerġija elettrika ġġenerata fiż-żewġ *power stations* operati mill-Korporazzjoni Enemalta. Aktar minn hekk, il-ġenerazzjoni tal-elettriku hija fattur importanti fl-ambjent lokali, partikularment fejn għandha x'taqsam il-kwalità tal-arja.

Il-Korporazzjoni Enemalta hija awtorizzata mill-Att tal-Enemalta, Kapitlu 272 tal-liġijiet ta' Malta biex tiġġenera l-elettriku. Għalissa hija l-unika utilità li tiġġenera l-elettriku u s-sors ewlieni tal-enerġija elettrika tal-pajjiż. Sakemm tibqa s-sitwazzjoni kurrenti, il-Korporazzjoni Enemalta għandha r-responsabbiltà li tlaħħaq mad-domanda tal-elettriku attwali u mistennija ta' Malta u Għawdex. Għalissa dan qiegħed jintlaħaq bit-tħaddim ta' żewġ *power stations* fil-Marsa u Delimara li jaħdmu bi *fuels* fossili.

Il-Korporazzjoni Enemalta kontinwament taffaċċja sfidi ġodda biex tilħaq standards ambjentali mgħoddija mid-Direttivi tal-Unjoni Ewropea. Aktar minn hekk, skond il-*Large Scale Combustion Plant Directive*, hija obbligata li tagħlaq il-*power plant* tal-Marsa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015 jew sakemm l-impjant tal-Marsa ikun tħaddem għal 20,000 siegħa minn Jannar 2008, skond liema kriterju jasal l-ewwel. Jekk tikkonsidra li sena fiha 8,766-il siegħa u li limpjantt tal-Marsa fil-mument qiegħed jitħaddem għall-parti l-kbira tal-ħin, is-siegħat allokati biex taħdem huma mistennija li jispiċċaw f'xi żmien f'April 2015. Waqt li minn naħa li tiġġenera 245MW b'mod ineffiċjenti ħafna se jieqaf, dan minn naħa l-oħra ser jwassal għal tnaqqis fil-kapaċita ta' ġenerazzjoni. L-impjant ta' Delimara bħalissa jiġġenera 295MW. Dan mhux se jkun biżżejjed biex jaqdi il-bżonn tal-enerġija elettrika.

Biex tindirizza parti minn dan it-tnaqqis fil-kapaċita tal-ġenerazzjoni, l-Enemalta għandha l-pjan li tibni estensjoni ta' 144MW mall-*power plant* eżistenti f'Delimara. Dan id-dokument, msemmi bħala Dikjarazzjoni dwar l-Impatt Ambjentali (EIS) huwa parti mill-Istudju fuq l-Impatti Ambjentali (EIA) magħmul mill-kumpanija independenti AIS Environmental Limited.

## *1.2 Ġustifikkazzjoni tal-Iżvilupp*

Il-għanijiet prinċipali u ġustifikazzjoni għall-iżvilupp propost huma:

- Li nkunu konformi mad-Direttivi tal-UE dwar l-emissjonijiet
- Li nkunu konformi man-*National Emissions Ceiling Directive*
- Li nkunu konformi mall-*Greenhouse Gas Trading Scheme*
- Li tindirizza l-bżonnijiet ta' enerġija elettrika li qiegħda tiżdied
- Li tippermetti l-għeluq tal-*power station* tal-Marsa

### *1.3 Żmien Propost li jitlesta il-proġett*

Il-bini huwa mistenni li jiehu madwar sentejn biex jitlesta.

### *1.4 Siti alternattivi*

Il-proposta hija għall-estensjoni tal-*power plant* li tinsab f'Delimara. Il-proċess ta' l-għażla tas-sit jiffoka fuq kemm is-sit huwa adattat biex jakkomoda dan it-tip ta' proġett. Biex is-sit jiġi meqjus adattat, diversi kriterji għandhom jintlaħqu. Dawn jinkludu:

1. L-iżvilupp propost għandu jkun qrib il-baħar biex ikun jista jigi provdut ilma ghat-tkessieħ tal-magni u għall-bżonnijiet ta' trakkar/trasport; dawn minħabba t-trasport ta' *fuel* u ta' l-impjant innifsu. Minħabba f'hekk is-sit għandu bżonn li jkun f'port kenni.
2. Ikun viċin tal-infrastruttura diġa eżistenti li titrażmetti l-elettriku.
3. Is-sit għandu jkun f'post li r-riħ majjistral jferrex kull emissjonijiet 'l bogħod mill-art u postijiet abitati.
4. Il-proċess tal-għażla tas-sit ta' wkoll każ li s-sit ma fihx fdalijiet arkeoloġiċi, attivitajiet ta' biedja u żoni ekoloġiċi sensittivi.
5. Il-post huwa nieqes minn attivitajiet industrijali u 'l bogħod minn żoni turistiċi definiti u stabbililti.

Filwaqt li seta' jinstab post fil-*power station* tal-Marsa biex jakkomoda l-impjant il-ġdid għall-ġenerazzjoni tal-elettriku propost, biex tipprovdi dan l-ispażju ix-xogħolijiet meħtieġa jirrekjedu siegħat twal mingħajr ġenerazzjoni ta' elettriku. Barra minn hekk is-sit ma jilħaqx il-kriterju 3 msemmi fuq. Aktar minn hekk is-sit tal-Marsa huwa aktar problematiku minħabba li jista jkun ta' disturb għall-pubbliku għax jinstab f'żona residenjali u żona ta' ħafna traffiku, u l-limitazzjoni relatata mat-tħaffir ta' trinek, biex jingħaqdu il-faċilitajiet tal-Marsa u l-*Marsa Distribution Ċentre,* li jwasslu għall-interruzzjoniijet kbar tat-traffiku, Meta tikkunsidra il-fatturi kollha, l-għażla tal-Marsa tista' twassal għal ħafna problemi meta mqabbla ma l-għażla tal-estensjoni propost f'Delimara.

Meta tikkunsidra il-kwistjonijiet ambjentali, soċjali, ekonomiċi u tekniċi, Delimara jidher li huwa l-uniku sit possibli biex jiġi żviluppat dan l-proġett propost.

## 2. Politika u l-Leġislazzjoni dwar l-Ippjanar

Il-leġiżlazzjoni l-aktar pertinenti huma id-Direttivi tal-Kunsill tal-UE, il-leġiżlazzjoni ewlenija Maltija: l-Atti tal-Parlament u l-leġiżlazzjoni sussidjarja Maltija: l-Avviżi legali li fosthom hemm dawk li jdaħħlu d-Direttivi tal-UE fil-Liġi Maltija. Dawn jinkludu l-pjan strutturali tal-Gżejjer Maltin u bosta leġiżlazzjonijiet oħra dwar l-ambjent tal-baħar, skart solidu, storbju, rimi ta' żjut, kwalità tal-arja u nsallazzjonijiet kbar.

## 3. L-Użu tal-Art u l-Baħar

Is-sit propost għall-proġett ta' 144MW jinstab ġol-kumpless tal-*power station* ta' Delimara. L-aċċess għas-sit huwa minn triq separata li tgħaddi minn Triq il-Powerhouse. Din t-triq twassal direttament għall-kumpless tal-*power station* ta' Delimara, li għandha sistema ta' toroq interni biex jaqdu l-bżonnijiet ta' l-operat ta' l-impjant.

Minħabba li l-iżvilupp propost se jsir f'post li diġa jintuża bħala *power station*, dan l-iżvilupp mhux se jbiddel l-użu tal-art.

Minħabba li diversi attivitajiet ta' bini huma mistennija li jsiru fuq is-sit, hemm il-potenżjal ta' impatt ambjentali fuq l-art u l-baħar minħabba problemi ta' storbju u emissjonijiet ta' trab.

Mhux mistennija impatti ulterjuri fuq l-użu ta' l-art tal-madwar minħabba l-iżvilupp tas-sit, għalkemm huwa mistenni żieda ta' traffiku fiż-żona, speċjalment fuq toroq arterjali u oħrajn fil-viċin minħabba l-użu ta' vetturi assoċjati mall-fażi tal-kostruzzjoni tal-iżvilupp propost.

L-iżvilupp propost mhux mistenni li jkollu mpatt fuq postijiet li jintużaw għall-għawm fil-viċin. Dan għaliex l-ilma li jintuża biex jitkessaħ l-impjant se jittieħed mill-infrastruttura eżistenti.

Jista' wkoll ikun hemm żieda fit-traffiku tal-baħar fl-inħawi minħabba l-esportazzjoni ta' skart bil-baħar waqt l-fażi meta l-proġett ikun qed jaħdem. Dan l-impatt huwa kkunsidrat li jkun moderat.

## 4. Il-Ġeoloġija u l-Idroloġija

Wieħed mill-impatti ewlenin li jirriżulta mill-fażi ta' bini tal-iżvilupp huwa mistenni li jkun il-ġenerazzjoni ta' kwantita sostanzjali ta' skart tal-kostruzzjoni waqt it-tħaffir tas-sit għall-livell meħtieġ.

Kunsiderazzjoni oħra għal waqt il-bini huwa l-instabbilita tal-ħitan tal-iskavar. Dan huwa kkunsidrat li jkollu mpatt moderat, għaliex l-iskavar mhux ser ikun aktar minn madwar 2m fond. L-iskavar li sar oriġinaljament għandu r-riskju ta' nstabbilta.

Rigward l-impatt fuq il-ġeoloġija u l-ġeomorfoloġija, minħabba telf ta' saffi ta' blat jew tibdil ta' saffi ta' blat fi żvilupp passat, t-tnejn li huma kkunsidrati li jkollhom impatt insinifikanti minħabba li t-tħaffir ta' qabel kisser il-ġeomorfoloġija tas-sit ta' l-Inġinier.

Rigward l-idroloġija, inkluż it-tniġġiż minħabba ħrug ta' zjut assoċjati ma sit normali ta' kostruzzjoni, hemm il-possibilitá remota ta' *silting* tal-kosta u tniġġiż tas-*sea level aquifer*. Huwa kkunsidrat li dawn it-tnejn ikollhom impatt minuri.

L-impatt tat-tneħħija ta' ħamrija huwa wkoll ikkunsidrat bħala insinifikanti, minħabba l-fatt li m'hemmx ħamrija fuq s-sit.

## 5. Eżami tal-Pajsaġġ, it-Topografija u l-Impatti Viżivi

Iż-żona ta' pajsaġġ ikkunsidrata hija meqjusa bħala waħda ta' valur għoli.. Minkejja l-fatt li parti minnu se jkun mgħotti mit-topoġrafija tal-madwar, l-eżami fuq l-impatt viżiv wera li l-iżvilupp għandu mpatt qawwi kważi min kull perspettiva kkunsidrata. Din il-valutazzjoni tissuġġerixxi li l-impatt viżiv jista' jitnaqqas b'*landscaping* u bl-użu ta' kuluri u materjali naturali. Dan ma jfissirx li l-iżvilupp se jsir inviżibbli jekk jiġu meħuda l-miżuri kollha msemmija, iżda, dawn il-miżuri jnaqqsu l-impatt viżiv.

## 6. Il-Kwalità tal-arja

Sar ukoll studju dwar il-kwalità tal-arja assoċjat mal-iżvilupp propost fil-*power station* ta' Delimara. L-studju ffoka fuq emissjonijiet ewlenin fl-arja, li jinkludu:

- Emissjonijiet ta' trab waqt il-fażi tal-kostruzzjoni
- *Air Quality Strategy Pollutants* u emissjonijiet oħra mill-proċessi ta' kombustjoni.
- Emissjonijiet ta' gassijiet serra li jiġu meta li l-impjant ikun qiegħed jaħdem.

Sar ukoll studju kwalitattiv tat-trab fl-arja u ġew proposti miżuri sabiex titnaqqas din il-problema. Hu mistenni li wara li jittieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni, l-effetti li jirriżultaw huma meqjusa li jkollhom riskju baxx ta' impatt negattiv, u dan ikun limitat għal żona ta' 100m fil-madwar. Ir-riskji tal-impatti jkun temporanji, u għal żmien qasir u riversibbli.

Mill-istudju tal-emissjonijiet ta' kombustjoni mill-impjant propost instab:

- Li għas-sorsi ta' tniġġiż kollha l-impatti massimi mistennija sew għal żmien qasir kif ukoll għal żmien twil, ser ikunu taħt il-limiti ta' l-*Standards* tal-Kwalità tal-Arja u Livelli tal-Istudji Ambjentali.
- L-impatt fuq ekosistemi sensittivi ta' emissjonijiet mill-kombustjoni ġewwa l-impjant propost huwa mistenni li jwassal għal żieda żgħira ħafna ta' depositi ta' nitroġenu u aċtu.
- Emissjonijiet ta' gassijiet serra huma mistennija li jibqgħu fil-limiti speċifikati fin-*Nation Allocation Plan* taħt l-*EU Emissions Trading Scheme*.

## 7. L-Istorbju u l-Vibrazzjonijiet

Sar ukoll studju fuq l-istorbju u vibrazzjoni madwar l-*power station* ta' Delimara biex jiġi evalwat l-impatt ta' l-istorbju minn xogħolijiet ta' kostruzzjoni kif ukoll meta l-impjant propost ikun qiegħed jitħaddem.

L-istudju kkonkluda li:

- Il-livelli ta' storbju barra mis-sit huma fil-livelli mistennija għal postijiet simili

- Il-livelli ta' storbju fir-riċetturi tal-ħoss sensittivi ikkonsidrati se jkunu inqas mill-kriterji stabbiliti għal matul il-jum (75 dB (A) u fil-għaxija (65 dB (A) għad-djar. Iżda, il-livelli ta' storbju bil-lejl se jkunu għola mill-kriterji stabbiiti (45 dB (A).

- Minħabba ix-xogħolijiet ta' bini temporarji, iż-żieda fil-livelli ta' storbju jista' jwassal għal possibilita' ta' tgergir mill-pubbliku.

- Il-livelli ta' vibrazzjoni huma taħt il-limitu li jagħmlu ħsara għall-estetika u strutturi f'kull tip ta' bini.

- Dawn il-vibrazzjonijiet bilkemm jinħassu minn-nies li jkun fil-bini.

## 8. Il-Kwalità tal-Ambjent tal-Baħar

L-impatti predominanti tat-tħaddim tal-*power plant* ta' Delimara huma dawk iġġenerati mill-ħruġ tal-ilma sħun fil-Ħofra iż-Żgħira u t-tibdil idrodinamiku li jirriżultaw mill-moll u l-binja tal-*breakwater* fin-naħa tal-Lvant tal-Bajja ta' Marsaxlokk. Bil-proposta tal-estensjoni ta' l-impjant, l-effetti termali fuq il-komunitajiet bentiċi tal-baħar fil-Ħofra iż-Żgħira se jaġġravaw minħabba li se jintefgħu volumi akbar ta' ilma sħun.

Jekk jittieħdu miżuri bir-reqqa fid-disinn tal-ħruġ tal-ilma sħun, ħafna mill-impatti li huma indikati jistaw jiġu mnaqqsa, iżda mpatti oħra xorta huma mistennija li jippersistu.

Għandu jsir programm speċifiku ta' monitoraġġ tal-alka fil-Ħofra iż-Żgħira. Għandhom isiru pjanijiet ta' kontinġenza fl-eventwalità ta' ħruġ ta' żejt fil-Bajja ta' Marsaxlokk.

## 9. Infrastruttura u Utilitajiet

Is-sit tal-iżvilupp propost huwa diġa ddedikat għall-ġenerazzjoni tal-elettriku. Is-sit diġa jibbenefika mill-utilitajiet u nfrastrutturi kollha neċessarji, li jinkludu dawk ta': l-ilma tax-xorb; ta' l-ilma baħar għat-tkessieħ; is-sistema tad-drenaġġ; aċċess adegwat mit-triq eżistenti; u sistema ta' toroq interni. L-infrastruttura li teżisti u l-utilitajiet huma biżżejjed għall-iżvilupp propost mingħajr il-bżonn ta' tkabbir. Se jkun hemm bżonn ta' żvilupp minuri fis-sistema tat-toroq, li kienu diġa ppjanati.

## 10. Tniġġiż tal-Art u tal-Ilma

Diversi parametri kimiċi u fiżiċi ġew imkejla fil-madwar tal-*power station* ta' Delimara biex jiġi evalwat il-livell ta' tniġġiż li seta sar f'dawn l-aħħar għoxrin sena li din ilha taħdem. L-aġenti ta' tniġġis li ġew imkejla jinkludu *heavy metals*, *solvents* u *hydrocarbons*. Dawn il-parametri huma direttament relatati ma' possibiltà ta' telf ta' żejt minerali u emissjonijiet li setgħu rriżultaw mill-*power station* wasslu għal tniġġiż tal-ħamrija, l-ilma tal-pjan u l-baħar.

Il-livelli mkejla kienu kollha meqjusa aċċettabbli.

Huwa mistenni li l-iżvilupp propost se jipproduċi numru ta' residwi waqt li jkun qed jaħdem. Diversi rakkomandazzjonijiet fuq l-operat qiegħdin jiġu proposti biex jitnaqqas il-potenżjal ta' tniġġiż b'dawn t-tip ta' kimiċi fl-art u fl-ilma. Ir-rakkomandazzjonijiet jaqdu għall-provvista, ħażna u rimi ta' kimiċi u prodotti oħra.

## 11. L-Immaniġġjar tal-Iskart

Xogħolijiet minimi ta' tħaffir qiegħdin jiġu proposti u ammont żgħir ta' materjal hu mistenni li jinħareġ waqt il-kostruzzjoni.

Hija l-intenżjoni tal-Enemalta li tħaddem l-impjant b'Heavy Fuel Oil (HFO) li fih kontentut massimu ta' 1% kubrit fuq bażi ta' piż. Huwa maħsub li meta l-impjant propost jibda jaħdem b'dan il-mod, l-iskart prodott se jkun:

- Skart solidu prodott mill-purifikazzjoni tal-gass se jkun madwar 10,000 tunnellati fis-sena;
- Żejt *sludge* madwar 1,000 tunnellati fis-sena;
- Ilma biż-żejt li jkun trattat, u wara jintrema fil-baħar, madwar 10,000m$^3$ fis-sena;
- *Sea water cooling system* se jżid il-ħruġ ta' ilma b'madwar 50% (żieda ta' 13,500 m$^3$ fis-siegħa fuq ir-rata preżenti ta' 29,500m$^3$ fis-siegħa);
- *Sludge* prodott mill-*Boiler Wash Down treatment facility* se tiproduċi 8m$^3$ fis-sena ta' *sludge*

Il-biċċa l-kbira ta' l-iskart solidu ser jiġi esportat barra minn Malta minħabba li ma hawnx faċilitajiet f'Malta li jitrattaw skart perikoluż prodott mill-impjant.

## 12. Eżami tar-Riskji

Sar studju fuq il-potenzjal tar-riskji ambjentali mill-ħażna, immaniġjar u użu ta' materjal potenzjalment perikoluż bħal *fuels*, kimiċi u skart perikoluż. Mill-istudju nstab li bil-miżuri ta' mitigazzjoni li diġa huma mplimentati jew proposti biex jiġu mplimentati, ir-riskji ambjentali ġeneralment ser ikunu moderati u allura aċċettabli.

L-aktar riskji sinifikanti huma l-istess bħal dawk tal-iżvilupp preżenti, li huma:-

- Prevenzjoni ta' ħruġ ta' żejt waqt li ż-żejt jiġi mħott u ttransferit, b'taħriġ u għażla ta' apparat, użu u manutenzjoni ta' l-apparat għal ġbir taż-żejt mitluf.
- F'każ ta' inċidenti katastrofiċi bħal nar u nuqqas ta' konteniment, jiġi applikat ammont sostanzjali ta' ilma. Il-possibiltà li jseħħ inċident bħal dan hija żgħira ħafna u l-miżuri ta' kontroll preżenti huma ġeneralment tajba biżżejjed għal dan ir-riskju.

Riskji oħra li jitolbu standard għoli ta' proċeduri u kontroll huma l-ħażna u mmaniġjar ta' kimiċi u residwi ta' skart perikoluż, u d-disinn u l-operat ta' drenaġġ tas-sit u l-*Effluent Treatment Plant*.

Rakkomandazzjonijiet biex jiġu imtejba miżuri ta' mmaniġjar ta' riskji u pjanijiet ta' eventwalitajiet jinkludu l-iżvilupp ta' *politika* ta' prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri u sistema ta' mmaniġjar ta' sigurta li tinkludi organizzazzjoni u responsabiltajiet, proċeduri, taħriġ, apparat, azzjonijiet, kuntatti, pjanti tal-post u proċeduri sensittivi, etc.

## 13. Eżami tas-Saħħa tal-Pubbliku

L-Eżami tas-Saħħa jħares lejn dawk il-fatturi li huma magħrufa li temporarjament jew permanentament għandhom effett fuq is-saħħa tal-bniedem, bħal:

1) Impatti ta' l-emissjonijiet ta' partikulat u gassijiet fuq il-kwalità tal-arja
2) Impatti ta' l-iskart solidu prodott waqt il-fażijiet ta' kostruzzjoni u waqt li l-impjant ikun qiegħed jaħdem;
3) Impatti ta' l-istorbju u l-vibrazzjonijiet waqt il-fażijiet ta' kostruzzjoni u waqt li l-impjant ikun qiegħed jaħdem;
4) Impatti fuq il-kwalità tal-ilma baħar għall-għawm
5) Impatti fuq is-saħħa minħabba żieda ta' l-intensità tad-dawl fl-impjant ta' Delimara;
6) Impatti kkawżati minn kull żieda ta' traffiku waqt il-fażi ta' kostruzzjoni u waqt li l-impjant ikun qiegħed jaħdem.

Mill-analiżi gie konkluż li l-iżvilupp propost mhux se jkollu mpatt negattiv fuq is-saħħa pubblika. L-akbar tħassib huwa relatat ma' l-istorbju waqt il-fażi ta' kostruzzjoni; dan jista' jiġi mnaqqas mill-miżuri ta' mitigazzjoni ssuġeriti. L-Eżami tas-Saħħa jagħmel referenza għal-għeluq tal-*power station* tal-Marsa u jidentifika dan bħala benefiċċjali ħafna.

## 14. L-Impatti fuq Popolazzjoni

Intwera nuqqas ta' fiduċja ġenerali lejn l-awtoritajiet u fl-istudji xjentifiċi assoċjati ma' diversi żviluppi, bħal dawk li saru għal dan l-EIA. Il-komunità lokali qiegħda ssir diżilluża rigward il-proċess kollu ta' permessi għaliex filwaqt li l-kundizzjonijiet ta' żvilupp jirrekjedu *standards* għoljin, hemm nuqqas ta' ħarsien lejn dawn l-*standards* la darba l-iżvilupp isir.

L-impatti mistennija mill-fażi ta' kostruzzjoni huma assoċjati mat-traffiku, mat-trab u l-istorbju. Mill-analiżi dwar il-fażi waqt li l-*power plant* tkun qiegħda taħdem, rriżulta li din se twassal kemm f'impatti pożittivi kif ukoll negattivi. Dawn jinkludu: titjib fl-effiċjenża tal-ġenerazzjoni ta' l-enerġija elettrika u *standards* tal-ambjent, sigurta aħjar fuq il-provvista ta' l-elettriku, impatti fuq il-kwalità tal-arja, impatti minħabba il-ġenerazzjoni ta' skart u impatti viżivi.

## 15. Impatti Sekondarji, Indiretti u Kumulattivi

Nuqqas milli jsir esportazzjoni ta' skart solidu fil-ħin jista jwassal għall-waqfien fil-provviżjoni tal-elettriku. Dan il-waqfien ta' l-impjant kemm totali kif ukoll parzjali, minħabba nuqqas milli jiġi esportat l-iskart fil-hin, huwa meqjus bħala effett sinifikanti li jwassal għal diversi mpatti sekondarji.

Waqt li l-impjant ikun qiegħed jaħdem, huwa mistenni li se jkun hemm żieda fil-movimenti ta' bastimenti fil-Port ta' Marsaxlokk. Din iż-żieda ta' traffiku fil-baħar hija mistennija minħabba *tankers* taż-żejt li jiprovdu *fuel* għall-*power plant*, vapuri li jipprovdu l-*power station* b'kimiċi li jnaqqsu l-emissjonijiet u l-opri tal-baħar li jesportaw l-iskart prodott għal trattament barra minn Malta. Din iż-żieda ta' moviment jista jkollha mpatti kumulattivi u sekondarji fuq il-*fish farms* ta' madwar iż-żona u jaffetwaw il-movimenti ta' bastimenti tal-Malta Freeport. L-impatt taż-żieda fil-moviment tal-opri tal-baħar huwa mistenni li jkun wieħed minuri.

L-għeluq tal-*power station* tal-Marsa huwa meqjus bħala mpatt kumulattiv pożittiv li jwassal għal diversi mpatti sekondarji pożittivi bħal titjib tal-kwalità tal-arja, tneħħija ta' l-impjant u l-possibiltà ta' rijabilitazzjoni ta' żona mdaqqsa fil-parti ta' ġewwa tal-port.